

32007D0036

24.1.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 17/15

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Jannar 2007

dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Każakstan, min-naħa l-oħra, li jestendi d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni għall-kummerċ bilaterali tat-tessuti, b'kont meħud ta' l-iskadenza tal-ftehim bilaterali dwar it-tessuti

(2007/36/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 133, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Fit-13 ta' Marzu 2006, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tidħol fnegozjati mar-Repubblika tal-Każakstan sabiex jiġi emendat il-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Każakstan, min-naħa l-oħra, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-PCA"), sabiex jiġi żgurat li l-prinċipji li japplikaw għall-kummerċ ta' oġġetti oħra jiġu estiżi formalment ukoll għall-kummerċ tal-prodotti tessili. Dawn in-negozjati ġew konklużi b'suċċess.
- (2) Il-Protokoll li jemenda l-PCA għandu jiġi konkluż mill-Komunità Ewropea,

Artikolu 1

Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Każakstan, min-naħa l-oħra, li jestendi d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni għall-kummerċ bilaterali tat-tessuti, b'kont meħud ta' l-iskadenza tal-ftehim bilaterali tat-tessuti, huwa b'dan approvat fisem il-Komunità.

It-test tal-Protokoll hu mehmuż ma' din id- Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll sabiex tintrabat il-Komunità.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Jannar 2007.

*Għall-Kunsill**Il-President*

F.-W. STEINMEIER

22007A0124(02)

L 17/16

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

24.1.2007

PROTOKOLL

għall-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Każakstan, min-naħa l-oħra, li jestendi d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni għall-kummerċ bilaterali tat-tessuti, b'kont meħud ta' l-iskadenza tal-Ftehim Bilaterali dwar it-Tessuti

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

minn naħa waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAL-KAŻAKSTAN,

min-naħa l-oħra,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Każakstan, min-naħa l-oħra, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-PCA") kien ġie ffirmat fl-1995 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999.
- (2) Saru negozjati sabiex jiġi żgurat li l-prinċipji fil-PCA li japplikaw għall-kummerċ ta' oġġetti oħra ikunu estiżi formalment ukoll għall-kummerċ tal-prodotti tessili.
- (3) Għandhom jiġu adottati l-emendi adegwati għall-PCA,

QABLU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Każakstan, min-naħa l-oħra, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-PCA") huwa b'dan emendat kif ġej:

- 1) Fl-Artikolu 11, titħassar ir-referenza għall-Artikolu 16.
- 2) Jitħassar l-Artikolu 16.

Artikolu 2

Dan il-Protokoll għandu jiffirma parti integrali mill-PCA.

Artikolu 3

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xaħar ta' wara d-data ta' l-iffirmar.

Artikolu 4

Dan il-Protokoll huwa mfassal duplikatament f'kull waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Partijiet Kontraenti, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiku.